MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 80/2003

**Glen Debattista**

**Vs**

**Joseph John Azzopardi**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Jannar 2003 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm1500 (elf u hames mitt Lira Maltin) dovuti ghal danni kagunati f'incident awtomobilistiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Il-konvenut ikkaguna danni fil-vettura tal-marka Yamaha XJR 4005 bin-numru tar-registrazzjoni XJR 001 u kkaguna griehi fil-persuna tal-attur u dan meta nhar l-24 ta' Ottubru 2002 fil-By Pass limiti tal-Msida il-konvenut kien qed isuq il-vettura tal-marka Mazda bin-numru ta'

registrazzjoni PEP 001, liema incident sehh unikament tort tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Dicembru 2002.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Dak li talab l-attur ghandu jigi michud ghax ghall-incident stradali in kwistjoni kien jaghti l-attur.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
L-attur u l-passigier tieghu jallegaw li gew milquta mill-konvenut wara li dana hareg minn junction wara manuvra ta' sorpass. Il-konvenut u l-passigier tieghu jallegaw li waqt li kien miexi fil-linja parallela, l-attur prova jaqbizhom u dahal fijhom.

Illi l-versjoni attrici hija suffugata minn terza persuna li kien warajhom u ra dak li gara b'mod car. Kien il-konvenut li hareg minn ta' Valley Road ghal fuq triq arterjali bhal ma hu By Pass. Tehtieg attenzjoni massima sabiex tisporgi ghal fuqha. Ma jistax jichad li l-operat tal-konvenut biex wiehed jaqbez kien konsiljabbli fic-cirkostanzi. Kif stqarr huwa stess qabez minn karregjata ghall-ohra u jerga jirritorna ghal ta' gewwa. Lill-attur rah mad-daqqa.

Relattivament ghal quantun tad-danni ma jirrizulta li l-attur ipprezenta id-dokumenti tal-istess allegati danni. Mir-rapport tal-pulizija, jirrizulta hsara fuq il-lemin mas-silencer. Ex Acquo et Bono, it-Tribunal qed jiffissa l-ammont ta' Lm500.

Jiddeciedi li filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-konvenut jilqa` tt-talbiet attrici u jikkundannah ihallas lill-attur is-somma ta' Lm500 bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------